MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 215/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**SOUQI SEDDIK OTMAN**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Souqi Seddik Otman, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 27528A.

**Akkuzat talli:**

1. Fil-5 ta` Marzu, 2008 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta` filghodu (10:30am) fi Triq Marbat, Swieqi, fil-kapacita`

tieghu ta` persuna li thaddem, b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti ikkaguna l-mewt ta` Yosef Ali Bashar u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cikostanzi naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta` ta` l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta` l-artikoli 6 (1) (2) ta` l-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddem naqas li jizgura s-sahha u s-Sigurta` tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u taghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventive u protettivi, waqt li tikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u dan ai termini ta` artikoli 4 (1) u (2) ta` l-A. L. 36/03;

4. Akkuzat ukoll li naqas li jevalwa r-riskji ghas-sahha u s-sigurta`, fost l-ohrajn ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u tizgura li jsir titjib fil-livell ta` protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta` u dan ai termini ta` artiklolu 6 (1) ta` l-A. L. 36/03.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta` Malta, l-Artikolu 6 (1) (2) ta` l-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 4 (1) (2) u 6 (1) ta` l-A. L. 36/03 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kondizzjonata tal-imputat tal-imputazzjonijiet li ngiebu kontra tieghu mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u specifikament l-ammissjoni bikrija tal-imputat u d-dispjacir ovvju tieghu temmen illi hija ghandha titratta lill-imputat billi ma tinfliggix peina ta` prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi:**

Il-Qorti, waqt li qedgha tikkarcerah ghal perjodu ta` erba` xhur, a tenur tal-artikolu 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, qedgha tissospendi dan it-terminu ta` prigunerija ghal zmien ta` tmintax (18) –il xahar millum, qedgha wkoll a tenur tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta tinfliggi multa ta` hdax il-elf, sitt mija, sitta u erbghin Ewro punt sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) u qed tinghata sena (1) zmien ghal hlas ta` din il-multa.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------